

Aġġornament  
2010



## Sib xogħol fl-Ewropa:

gwida għal persuni li  
qiegħdin ifittxu xogħol



[eures.europa.eu](http://eures.europa.eu)



E-Kummissjoni Europea

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhuma responsabbi mill-użu li jista'jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© ritratti: Fotosearch (qoxra), istockphoto.com (pp. 1,2,9,10), Unjoni Ewropea (pp. 6,7,11,12), gem (pp. 13)

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprietarju(i) tad-dritt tal-awtur.

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib  
tweġibet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar  
l-Unjoni Ewropea**

**Numru tat-telefon ġdid bla ħlas(\*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista'jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta'din il-publikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2010

ISBN 978-92-79-15958-9

doi:10.2767/56597

© L-Unjoni Ewropea, 2010

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemmu s-sors oriġinali.

*Printed in Germany*





## Xogħol f'pajjiż ieħor – itfa' ħarstek fuq il-futur

Il-ħajja u x-xogħol f'pajjiż ieħor qed isiru għażla dejjem aktar popolari fost l-Ewropej ta' kull età. Aktar u aktar, in-nies qegħdin jagħrif l-benefiċċi tal-kisba ta' esperjenza professjonalni f'pajjiż Ewropew ieħor. Ix-xogħol barra għal xi żmien jista' jidu b'mod qawwi il-livelli tal-ħiliet tiegħek u jidu iċ-ċansijiet tiegħek li ssib impieg aħjar f'pajjiżek stess. Il-Prinċipju tal-Moviment Liberu tal-ħaddiema<sup>(1)</sup> tal-Unjoni Ewropea huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar drittijiet importanti taċ-ċittadini tal-UE. Dan ifisser li inti tista' tiċċaqlaq lejn kull pajjiż tal-UE, kif ukoll lejn in-Norveġja, l-Islanda, l-Liechtenstein u l-Svizzera. Bħala riżultat, l-opportunitajiet għal dawk li qegħdin ifitħu x-xogħol, u li huma mmotivati u mobbli, huma bla tarf u hemm esperti biżżejjed li jistgħu jipprovd pariri u informazzjoni tul-it-triq.

**■ Opportunità li tiżviluppa ħiliet professjonal u personali ġodda.** Tgħallek lingwa ġdidha, żid l-esperjenza professjonalni tiegħek, u tejjeb l-abilità tiegħek li tikkomunika mal-oħrajn. Il-ħajja u x-xogħol barra huma s-soluzzjoni ideali għal dawk li jridu xi 'valur miżjud fuq CV.

**■ Fehim miżjud ta' pajjiżi u kulturi oħrajn.** L-Ewropa huwa kontinent b'diversità sabiħa. Li tidħol għal ħajja f'pajjiż ieħor jippermettilek tiskopri kulturi u stili ta' ħajja ġodda, u, ovvijament dan jippermetti li l-oħrajn jitgħallu aktar dwar pajjiżek.

**■ Għadek m'intix ċert jekk ix-xogħol barra minn pajjiżek huwiex tajjeb għalik?** Ħares lejn xogħol staġjonali jew temporanu. Ma jkollox għalfejn tikkommetti ruħek għal kuntratt b'terminu twil iż-żda xorta tkun tista' tikseb esperjenza ta' valur u tiltaqqa' ma' nies ġodda.

It-tagħlim ta' ħiliet ġodda u l-kisba ta' esperjenza professjonalni internazzjonali jistgħu jkunu biss ta' beneficiċju. Din il-gwida tgħinek titfa' ħarstek fuq l-Ewropa.

<sup>1</sup> **Għandek bżonn permess tax-xogħol?**

Xi ċittadini Ewropej jista' jkollhom accress ristrett għas-suq tax-xogħol Ewropew għal xi perjodu, skont meta pajjiżek issieħeb fl-UE. L-EURES jista' jgħidlek f'liema pajjiżi tista' tmur b'mod liberu u liema huma dawk li jeftiegu permess.

# Affarijiet li għandek tikkunsidra qabel ma tmur barra minn pajjiżek

Ovvajement, id-deċiżjoni li tmur barra m'għandhiex tittieħed b'mod leġġer. Hawnhekk se nagħtu ħarsa ġenerali lejn ftit affarijiet li jista' jkun li trid tikkunsidra qabel ma tiċċaqlaq.



**Tista' tikseb impjieg?** Punt ta'tluq tajjeb meta tkun qed tfittex xogħol barra jista' jkun li tħares lejn l-għażiela tiegħek u tapplika għal impjieg waqt li tkun għadek f'pajjiżek. Kun żgur li tinvestiga bir-reqqa f'liema pajjiż hemm domanda għal ħaddiem bl-isfond u l-esperjenza tiegħek u kellerm lil professjonisti li jifhmu s-suq tax-xogħol f'dawk il-pajjiżi. Tinsiel, li tmur dritt għal karriera mhixiex l-unika għażiela tiegħek. Il-mobilità toffri ċ-ċans għal aktar edukazzjoni, taħrifg professionali u apprendistati, fost ħafna opportuniteti oħrajn. Jekk tiskopri li m'għandekx l-esperjenza meħtieġa għal xxi kariga, ħares lejn l-istudju barra biex tikseb il-ħiliet meħtieġa, u fl-istess ħin tkun tista' tistudja lingwa ġiddiha.

**Int titkellem il-lingwa?** Probabbilment, min iħaddem sejjer jitlob xi għarfien tal-lingwa lokali, u l-Ingliż bażiķu żgur li jkun ta'vanta. Qabel titlaq, ikkunsidra li tieħu kors tal-lingwa – anki jekk muhuwiex prerekwiżit għall-impjieg, billi dan iħalli impressioni tajba fuq is-CV tiegħek.

**Il-kwalifikati professjonali tiegħek sejrin jiġu rikonoxxuti?** Sakemm inti ikkwalifikat/a biex taħdem f'pajjiżek, int tista' taħdem xi mkien ieħor fl-Ewropa. Il-Prinċipju tal-Moviment Liberu tal-Ħaddiem jfisser li inti tkun tista' tipprattika l-professjoni tiegħek fil-pajjiżi kollha tal-UE u ż-ŻEE, iżda kun żgur li tiċċekkja bir-reqqa kull spesifikazzjoni tal-impjieg – uħud minn dawk li jħaddmu jistgħu jirrikjedu ċerti diplomi, ċertifikati jew kwalifikati oħrajn.

**U dwar il-kwalifikati edukattivi?** Bħalissa m'hemm l-ebda rikonoxximent universali tal-kwalifikati tal-edukazzjoni madwar l-Ewropa, li jfisser li min iħaddem f'pajjiż partikolari jista' jkun inċert għandux jimpjega ħaddiem minn pajjiż ieħor jekk ma jifhimx il-livell ta' kwalifikati tiegħu. Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifikati (EQF) tal-Kummissjoni Ewropea jinsab fil-proċess li jiġi implimentat. Dan jaġixxi bħala apparat ta' traduzzjoni li jimmira li jagħmel il-kwalifikati nazzjonali aktar rikonoxxibbli madwar l-Ewropa. Fil-frattemp, kun żgur li s-CV tiegħek tkun ċara kemm jista' jkun, u li tenfasizza dak li tgħallim u kif dan huwa relevanti għall-kariga li qed tapplika għaliha.

**Il-familja tiegħek sejra tiċċaqlaq miegħek?** Bħala ċittadin Ewropew, int u l-familja tiegħek għandkom l-istess drittijiet bħall-ħaddiem nazzjonali. Dawn jistgħu jistudjaw jew jaħdmu fil-pajjiż fejn sejjer int, għalhekk ħares lejn l-għażiela tiegħek.

## Min jista' jgħinek issib impjiieg barra?

Int iddeċidejt li tiċċaqlaq u issa għandek bżonn xi ffit aktar informazzjoni. Hemm ħafna riżorsi disponibbli għalik għal għajnuna u pariri matul il-proċess.

#### EURES, in-Netwerk Ewropew tal-Impjiegi.

EURES ikopri l-pajjiżi kollha tal-UE/ŻEE kif ukoll l-Isvizzera u jipprovd়i firxa ta' servizzi.

- **Il-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità tax-Xogħol.** Dan jipprovidi informazzjoni dwar postijiet battala ta'xogħol f'31 pajjiż, jippermettilek li toħloq profil u tirreġistra s-CV tiegħek, u jaqtik dettalji dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol madwar l-Ewropa. Int tista' wkoll tikkuntattja liċ-ċentru ta'Kuntatt tal-EURES, il-one-stop shop għall-utenti tal-portali li jsibu xi diffikultajiet. Għalhekk jekk pereżempju għandek bżonn għajnuna biex toħloq kont, tibni CV jew biex tiftek postijiet tax-xogħol battala, il-personal taċ-Ċentru ta'Kuntatt huma disponibbli permezz ta'chat email jew VoIP (Voice over Internet Protocol). Żur <http://eures.europa.eu> għad-dettalji ta'kuntatt.

- **Netwerk ta' Konsulenti tal-EURES.** EURES għandu aktar minn 800 Konsulent f'31 paxjiż li jaħdmu mas-Servizzi Pubbliċi tal-Impiegati nazzjonali biex jipprovd u informazzjoni dwar il-mobilità lil dawk li ikunu qiegħdin ifixxu x-xogħol. Dawn huma disponibbli biex tikkuntatt jahom permezz tat-telefown, l-email jew permezz ta' laqgħha wiċċi imb wiċċi.

- **EURES fir-rejuni transkonfinali.** Li taħdem u tgħix f'żewġ pajjiżi differenti hija l-aktar forma komuni ta' mobilità ta' xogħol u l-EURES jopera f'rejġuni transkonfinali madwar l-Ewropa. L-informazzjoni għall-ħaddiema transkonfinali hija disponibbli fuq il-portal tal-EURES, u ovvijament mingħand il-Konsulent tal-EURES lokali tiegħek.

- **Aġenziji ta' reklutaġġ privati.** Kemm f'pajjiżek kif ukoll fil-pajjiż fejn sejjer, l-aġenziji tal-impjegi privati jistgħu jiprovd firxa wiesgħha ta' informazzjoni u servizz effiċċienti ta' tqabbil ta' xogħol. Il-konsulenti tagħhom jistgħu jiggwidaw fl-istadiji differenti tal-proċess ta' reklutaġġ. Qabel tirreġistra, iċċekkja jekk is-servizzi tagħhom humiex b'xejn jew bi-ħlas.

■ Search engines qħall-impjieg online.

Issa numru ta' search engines għall-impjiegji jippermettulek toħloq CV, tibni profil ta' persuna li qed tfittex xogħol, tirċievi notifikati ta' offerti ta' xogħol interessanti, u ovvijament li tara l-postijiet tax-xogħol battala. Għal darbōħra, qabel tirregiżstra iċċekkja jekk hemmx ħlas għas-servizz, u vverifikasi n-natura tal-impjiegji li hemm.

#### **■ Netwerks Ewropej tal-mobilità. Barra**

I-EURES, hemm għadd ta' netwerks oħrajn tal-mobilità li tista' ssib utli. Għal lista sħiħa ta' netwerks Ewropej tal-mobilità żur <http://ec.europa.eu/contact-points>.

Twissija

Oqqhud attent minn aġenċiji li jitlobuk il-flus qabel ma jibagħtulek lista ta' postijiet tax-xogħol battala. Dan huwa illegali. Uża netwerk jew organizzazzjoni b'reputazzjoni taħba.

# Kif jista' jgħin I-EURES?

Is-servizzi tal-EURES huma disponibbli bla ħlas għal dawk l-Ewropej kollha li qegħdin iffttxu x-xogħol - qabel, waqt u wara t-tfiftxija għax-xogħol. L-EURES jista' jipprovdilek l-aktar informazzjoni reċenti u parir dwar is-suq tax-xogħol matul it-tfiftxija tiegħek għal xogħol.

**■ II-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità tax-Xogħol**  
Xogħol jospita madwar miljun post tax-xogħol battal mill-Ewropa kollha, kif ukoll eluf ta'min iħaddem irregjistrati. Dan joffri l-ġħodod lil min qed ifttx ix-Xogħol biex:

- Jħolq profil biex ikun jista' jidher setturi jew pajjiżi interessanti, u biex jirċievi notifikasi ta' postijiet tax-xogħol battala relevanti permezz tal-email;
- Jibni u jżomm CV f'lingwa waħda jew f'diversi lingwi. Jibgħatha online, biex tkun viżibbli għall-20 000 persuna li tħaddem irregjistrata fuq il-portal;
- Ifittek informazzjoni dwar il-ħajja u x-xogħol fil-pajjiż tal-ġħażla tiegħu;
- Ifittek għall-Jiem Ewropej tal-Impjiegji u avvenimenti oħra jin ta'rekla fuq il-ħajja u permezz tal-kalendari tal-Avvenimenti;
- Isib id-dettalji ta'kuntatt tal-Konsulent tal-EURES lokali tiegħu;
- Jingħaqad ma' persuni oħra jin li qiegħdin iffttxu x-xogħol u jiskambja fehmiet u suġġerimenti dwar it-tfiftxija għax-xogħol, kif ukoll dwar il-ħajja u x-xogħol barra.

**■ Il-Konsulenti tal-EURES** huma professionisti li inti tista' tikkuntattja għal informazzjoni u parir fi kwalunkwe stadju tal-proċess tat-tfiftxija għax-xogħol u biex tiċċaqlaq minn pajjiżek. Il-Konsulenti tal-EURES għandhom għarfien speċjalizzat fl-aspetti praktiči, legali u amministrattivi tal-mobilità tax-xogħol fl-Ewropa.

## ■ Il-Konsulenti tal-EURES jistgħu:

- Jirrakkomandaw opportunitajiet interessanti skont ilprofil tiegħek;
- Jgħinuk bl-applikazzjoni tiegħek għax-xogħol;
- Jgħaddu s-CV tiegħek lil persuni li jħaddmu potenzjali;
- Jagħtuk informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol fil-pajjiż fejn trid tmur;
- Jgħinuk tadatta ruħek fil-pajjiż il-ġdid tiegħek billi jipprovdilek informazzjoni pereżempju dwar l-akkomodazzjoni, is-sigurtà soċjali, u t-taxxi;
- Jiprovdū informazzjoni dettaljata dwar l-iskejjej u l-kura tas-saħħha għall-familja tiegħek.

Tista' ssib id-dettalji ta'kuntatt tal-Konsulent tal-EURES lokali tiegħek fuq il-portal tal-EURES, flimkien ma' aktar informazzjoni dwar is-servizzi tal-EURES.

## Avvenimenti tal-EURES

Kull sena jsiru eluf ta' avvenimenti tal-EURES madwar l-Ewropa; l-aktar magħrufa minn dawn huma l-Jiem Ewropej tal-Impjiegji – l-ambjent ideali għalik biex tiltaqqa' ma' persuni li jħaddmu potenzjali. Barra l-Jiem Ewropej tal-Impjiegji, I-EURES jospita għadd ta'konferenzi, seminars u jiem ta'informazzjoni ġenerali dwar il-mobilità fejn il-Konsulenti tal-EURES ikunu jistgħu jiprovdū parir espert dwar is-sejba ta'xogħol fl-Ewropa. Għal aktar informazzjoni dwar l-avvenimenti fiż-żona tiegħek, iċċekka l-Kalendari tal-Avvenimenti fuq il-portal tal-EURES.

# Il-proċess tal-applikazzjoni għax-xogħol

## Applikazzjoni għal impjieg

Allura sibt opportunità interessanti? Issa trid tagħmel applikazzjoni li tgħinek tispikka mill-kumplament!

Normalment, applikazzjoni tikkonsisti f’ittra t’akkumpanjament u s-CV tiegħek, għalkemm xi persuni li jħaddmu jistgħu jitlobuk timla formola tal-applikazzjoni standard. Ftkar – din hija l-ewwel impressjoni illi int ser tħalli fuq min iħaddem, għalhekk qatta’ l-ħin tipperfezzjonaha.

**L-ittra t’akkumpanjament.** Din għandha tiddikjara għaliex inti interessa/fil-kariga, x’hemm fl-isfond tiegħek li jagħmlieq adattat/a għall-impjieg, u x’tista’ tippordvi lill-kumpanija. Kun żgur li fl-ittra tuża lingwaġġ ċar, sempliċi u dritt għall-punt.

**Preparazzjoni għal intervista.** Din tista’ ssir wiċċi imb wiċċi jew minn fuq it-telefown – issir kif issir, il-preparazzjoni hija vitali. Hu miegħek id-dokumentazzjoni neċċesarja bħal pereżempju s-CV tiegħek jew il-karta tal-identità tiegħek għal li jista’ jkun.

- Kun af il-kumpanija.** Kun żgur li tagħmel ir-riċerka dwar il-kumpanija li qed tagħmel intervista magħha. Ipprepara xi mistoqsijiet ta’ intuwizzjoni dwar l-organizzazzjoni, biex turi li inti għamilt ir-riċerka tiegħek.
- Kun af ix-xogħol.** L-ispeċifikazzjoni tax-xogħol hija l-aħjar eżempju li għandek biex tkun taf x’se jkunu qed ifftu waqt l-intervista. Jenfaiszaw ix-xogħol tat-tim, l-abilità li tieħu inizjattiva, il-flessibilità? Uri li inti tissodisfa dawn ir-rekwiżiti b'eżempji konkreti mill-esperjenza passata tiegħek. Int għandek il-ħiliet li għandhom bżonn!

- Stenna s-sorpriżi.** Jistgħu jsiru mistoqsijiet diffiċċi jew mhux mistenni u huwa importanti li ma tinħakimx minn paniku. Agħti prova li tista’ tibqa’ kalm taħ pressjoni billi tieħu ħin biex tikkunsidra l-mistoqsija u tirrispondi bil-kalma. Ma jimpurtax jekk ma tafx it-tweġġiba; dawn ikunu interessa biex jaraw kif tifformula t-tweġġiba tiegħek u x>tagħmel biex tikseb informazzjoni ġidida.

## Is-CV

- L-ewwel niżżej l-aktar esperjenzi u kwalifiċċi reċċenti;**
- Uża sentenzi qosra u lingwaġġ pożittiv. Żommu rilevanti f’kull ħin;**
- Kun żgur li tenfasizza r-responsabilitajiet li huma applikabbli għall-impjieg mixtieq u uża verbi ‘attivi’;**
- Kun żgur li s-CV tiegħek hija fattwali, aġġornata, u preċiża;**
- Ipprova żomm is-CV tiegħek sa massimu ta’ żewġ paġni;**
- Agħti s-CV lil xi ħadd ieħor biex jagħmil lekk il-qari tal-provi, preferibbilment xi ħadd li l-lingwa nattiva tiegħu tkun dik li biha tkun qed tapplika.**

# Il-Portal tal-EURES dwar il-Mobilità tax-Xogħol

## Taqsimiet ewlenin

Fuq il-paġna ewlenija għal dawk li qiegħdin ififtu x-xogħol tista' ssib informazzjoni dwar ix-xogħol barra, il-preparazzjoni għal intervista u l-addattament f'pajjiż ġidid. Din it-taqṣima tippordvi wkoll informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Kummissjoni Europea madwar l-Ewropa.

- 1 Oħloq kont 'EURES Tiegħi** li jħallik toħloq u timmaniġġja s-CV tiegħek f'diversi lingwi, u fil-format Europass jekk tkun tixtieq. Tista'wkoll timmaniġġja l-profilu tiegħek għat-tifx-xogħol online u tapplika għal notifikasi ta' postijiet tax-xogħol battalla interessanti permezz tal-email.
- 2 Fittekk xogħol:** din tispjega kif issib xogħol permezz tal-portal tal-EURES.
- 3 Fittekk l-ghajjnuna:** din hi għal kull min juża l-portal u jiltaqa' ma'diffikultajiet tekniċi. It-tim taċ-Ċentru ta' Kuntatt tal-EURES qiegħed hemm lest biex iwieġeb il-misteqsijiet tiegħek permezz tat-telefown, l-email jew anki permezz tal-VoIP (Voice over Internet Protocol).
- 4 Il-Kalandarju tal-Avvenimenti:** dan jurik l-avvenimenti ta'interess li sejrin isiru fir-reġjun tiegħek. Żomm nota tal-fieri ta' reklutaġġ jew sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali dwar il-mobilità mal-Konsulenti tal-EURES.
- 5 Ħajja u xogħol:** rubrika li fiha informazzjoni prattika, legali u amministrattiva dwar il-mobilità. Fittex ix-xejriet preżenti fis-suq tax-xogħol Ewropew skont il-pajjiż, ir-reġjun u s-settur ta' aktiività. Tista'wkoll tara l-vidjows dwar id-Destinazzjoni – filmati qosra li jipprovdha ħarsa ġenerali dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol f'pajjiż partikolari, disponibbli għal kulħadd fuq il-portal tal-EURES.

The screenshot shows the official EURES website interface. At the top, there's a blue header with the EURES logo and navigation links. Below the header, there are several sections: 'Links tal-miex' (with numbered items 1, 2, 3), 'Avvenimenti' (with numbered items 4, 5, 6), 'Itin' (with numbered items 7, 8, 9), and 'Terri rodati' (with numbered items 10, 11, 12). Each section contains text and small images related to its content.

The screenshot shows the 'Persuni li qed ifittu Impieg' section of the EURES portal. At the top, there's a banner with two people. Below it, a search bar and a login form with fields for 'username' and 'password'. To the right of the login form is a 'Log in' button. A yellow box labeled '4' is positioned next to the login area. Below the login form, there are several service links:

- [Impiegħu kien persuna i qed ifittu impieg](#)
- [Impiegħu kien persuna i qed ifittu ħażnejja](#)
- [Arrest tal-Attard](#)
- [Kontakku ja' t-torri u t-tarbi](#)
- [Abbiegu tiegħi 'indstria u ta' sejħa](#)

On the left side, there are other sections like 'Impiegħu kien persuna i qed ifittu impieg', 'Impiegħu kien persuna i qed ifittu ħażnejja', 'Arrest tal-Attard', 'Kontakku ja' t-torri u t-tarbi', and 'Abbiegu tiegħi 'indstria u ta' sejħa'. At the bottom, there's a section titled 'Dokumenti relatati'.

6

**Links:** din tieħdok f'websajts oħra li jittrattaw il-mobilità tax-xogħol fl-Ewropa, inkluż is-Servizzi Pubbliċi tal-Impiegħi, kif ukoll firxa ta' pubblikazzjonijiet li jgħinu biex jiggwidaw k fit-tiftxija tiegħek.

### Taqsimiet ġodda fuq il-portal tal-EURES

**Fieri tal-Impiegħi Virtwali.** Fiera tal-Impiegħi f'kull sens, iżda virtwali! Int tiġi nnotifikat/a dwar fieri li ġejjin permezz ta' banner fuq il-paġna prinċipali tal-EURES, u tkun tista' tara l-preżentazzjonijiet ta' persuni li jħaddmu potenzjalji kif ukoll tibgħat applikazzjonijiet għal post tax-xogħol battal u tagħmel appuntamenti biex tkellem lil min qed jirrekluta u lill-Konsulenti tal-EURES.

**Match and Map.** Għoddha li awtomatikament tqabbel l-informazzjoni pprovdu fis-CV online tiegħek mal-post tax-xogħol battal disponibbli. Ir-risultati tat-tiftxija juruk eżattament fejn issib l-opportunitajiet li qed tfitteż. Match and Map sejra tiġi introdotta gradwalment fuq il-portal tal-EURES mill-2011.

# Iċ-Ċaqliqa u I-wasla

Li titlaq minn pajjiżek u tmur f'ieħor tista' tkun esperjenza kbira. Hemm proċessi amministrattivi li trid tiffamiljarizza ruħek magħhom, nies ma' min tiltaq'a u forsi lingwa x'titgħallem. Tista' tikkuntattja lill-Konsulent tal-EURES lokal i tiegħek għal parir u informazzjoni qabel titlaq.

Hawnhekk hawn xi pariri mill-EURES biex jitħaffef il-proċess:

## Iċ-Ċaqliq

- Kun żgur li għaqqadit it-trufijiet kollha u ikkanċella kull kuntratt mal-fornituri tas-servizzi;
- Informa lill-awtorità lokal i tiegħek li ser titlaq, jekk dan huwa meħtieġ;
- Ibdel l-indirizz postali tiegħek u ħalli l-indirizz ta' fejn għandha tintbagħha xi posta li tasal wara li tkun tlaqt;
- Ftakar biex iż-żejjeb miegħek id-dokumenti l-importanti – passaport validu, jew karta tal-identità u viża jekk meħtieġa, għalik u għall-membri tal-familja tiegħek.

## II-Wasla

- **Akkomodazzjoni.** Tajjeb tfitteż l-għażliet ta' akkomodazzjoni qabel ma' tasal fil-pajjiż il-ġdid tiegħek biex ikollok idea taż-żoni li jaqblu mal-baġit u l-aspettattivi tiegħek.
- **Sigurtà Soċjali.** Il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali abbinati ma'kuntratt ta' xogħol fil-pajjiż jingħataw ugwalment l-iċ-ċittadini kollha tal-UE/ŻEE. Il-benefiċċji soċjali jkopru l-mard u l-lif tal-maternitā, il-benefiċċji tal-qgħad u tal-familja, l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-benefiċċji relatati max-xogħol, il-pensjonijiet

tal-invalidità u tal-irtirar. Qabel titlaq minn pajjiżek ikkuntattja lill-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali tiegħek biex tikseb l-informazzjoni neċċessarja kollha u l-formoli meħtieġa tal-UE.

- **Il-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħha tal-Unjoni Ewropea.** Din il-karta hija disponibbli bla ħlas għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE/ŻEE u l-Svizzera, u tiżgura li int ikollok l-istess aċċess għall-kura tas-saħħha b'emerġenza fis-settur pubbliku (bħal tobba, spiżjara, sptarrijet) bħaċ-ċittadini ta'dak il-pajjiż. Xorta għandek tara li tikseb assigurazzjoni tas-saħħha nazzjonali fil-pajjiż il-ġdid tiegħek kemm jista' jkun malajr.

- **Tassazzjoni.** Il-pajjiżi Ewropej ikkonkludew ftehim bilaterali dwar it-taxxa biex jipprevvjenu l-iċ-ċittadini tagħhom milli jħallsu d-doppju għall-istess attivitā jew dħul finanzjarju f'pajjiż ieħor tal-UE. Ikkuntattja lill-awtoritajiet rilevant i-pajjiż għal parir personalizzat.

- **Aktar informazzjoni.** L-EURES jista' jagħtik aktar informazzjoni dwar dawn it-temi. Żur il-paġni Ħajja u Xogħol fil-Portal tal-EURES jew ikkuntattja lill-Konsulent tal-EURES lokal i tiegħek.

# Il-Mobilità għall-Intraprendituri

L-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jiaprovdū s-sinsla tal-ekonomija Ewropea. Aktar minn 99% tan-negozji Ewropej huma SMEs. Dawn jiddependu ħafna fuq l-ideat u l-motivazzjoni tal-intraprendituri - u allura jagħmel sens li aktar u aktar ċittadini Ewropej qed ifittxu li jistabbilixxu l-intrapriżi tagħhom f'pajjiż ieħor.

Għal dawk interessati li jibdew negozju xi mkien ieħor fl-Ewropa, hawnhekk hawn xi rakkomandazzjonijiet:



**Oħloq pjan tan-negozju.** Kun żgur li taf x'se jkun in-negozju tiegħek, kemm ħa jiswa biex jiġi stabbil, il-ħin involut u l-proċessi amministrattivi li trid tgħaddi minnhom. Toqgħodx tistenna li tasal f'pajjiż ġdid biex tagħmel il-pjan tiegħek – dan ikun aktar faċili f'pajjiżek. Ikkuntattja lil Kamra tal-Kummerċ lokali tiegħek, bili ħafna minnhom joффru korsijiet fil-ħolqien ta' pjan tan-negozju komprensiv.

**Iffamiljarizza ruħek mal-pajjiż il-ġdid tiegħek.** Ippjana xi vjaġġi lejn il-pajjiż fejn sejjer qabel tiċċaqlaq b'mod definitiv. Skopri s-sistema bankarja, il-prassi legali u amministrattivi u n-nies u l-kultura. Għandek bżonn titgħalleml lingwa? Allura idħol għal kors f'pajjiżek biex ikollok idea tajba tal-lingwa qabel tiċċaqlaq.

**Ikseb parir mingħand intraprendit bħalek**  
Ikkuntattja lili xi ħadd li stabbilixxa n-negozju tiegħi fil-pajjiż fejn sejjer. Ħadd ma jista' jagħtik parir aħjar minn xi ħadd li diġà għaddha minn dak li ser tagħmel int.

L-EURES għandu netwerk ta' nies u organizazzjonijiet li jistgħu jiaprovdū parir fuq l-istabbiliment ta' negozju. Għal aktar informazzjoni ikkuntattja lill-Konsulent tal-EURES lokali tiegħek.

L-Enterprise Europe Network jgħin lil negozji żgħar biex jieħdu vantaġġi mis-suq Ewropeu mitfuh. Bħala intraprendit, int tista' ssib firxa wiesgħha ta' informazzjoni minn xi waħda mill-572 organizazzjoni membru madwar l-UE u lil ħin minnha. Żur enterprise-europe-network.ec.europa.eu.

# Swieq tax-xogħol transkonfinali

Suq tax-xogħol transkonfinali huwa żona li fiha l-ħaddiem li jgħixu f'pajjiż jistgħu jaqsmu ta' kuljum jew ta' kull ġimġha biex jaħdmu f'pajjiż ġar. Dan l-arranġament huwa popolari madwar l-Ewropa – aktar minn 60 000 persuna jaħdmu f'pajjiż Ewropew differenti minn dak li jgħixu fi.

## Hemm diversi vantaggxi li tkun ħaddiem transkonfinali:

- Is-suq tax-xogħol fil-pajjiż ġar jista' jkun aktar b'saħħtu minn dak ta' pajjiżek;
- M'hemmx bżonn li l-familja tiċċaqlaq miegħek, li jfisser li l-imsieħba jistgħu jżommu x-xogħol f'pajjiżhom u li t-tfal jistgħu jibqgħu jitgħallmu f'pajjiżhom stess;
- L-assigurazzjoni tas-saħħa u l-kontribuzzjoni soċjali f'pajjiżek ġeneralment jistgħu jinżammu, u b'hekk il-proċess ikun eħħef.

Ovvjament, l-ivvjaġġar transkonfinali jaf joħloq xi kumplikazzjonijiet. Il-ħaddiem, ta'kuljum, iridu jkampaw ma' prassi amministrattivi u legali nazzjonali li jvarjaw, iżda hemm għadd ta' servizzi biex jgħinu lill-vjaġġaturi fuq kwistjonijiet bħal dawn.


L-EURES jopera fi 'l fuq minn 20 sħubija transkonfinali f'aktar minn 13-il pajjiż, ilaqqä' flimkien lis-Servizi tal-Impjiegji Pubbliċi biex tiġi sodisfata l-ħtieġa tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-pajjiżi.



## F'reġjeni transkonfinali, l-EURES huwa disponibbli biex:

- Iqabbel lil dawk li qeqħdin ifittxu x-xogħol ma' postijiet tax-xogħol battala f'pajjiż ġar;
- Jipprovd informazzjoni dwar il-ħajja u x-xogħol f'żewġ pajjiżi Ewropej differenti u jgħinek fl-aspetti legali, amministrattivi u prattiċi;
- Jimmonitorja s-swieq tax-xogħol fiż-żewġ pajjiżi, u għalhekk jipprovd informazzjoni aġġornata dwar il-postijiet tax-xogħol battala lil dawk li qeqħdin ifittxu x-xogħol.

# Fejn tista' ssib lill-EURES fl-Ewropa?



■ Pajjiżi tal-UE: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Čipru, ir-Repubblika Čeka, id-Danmarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Germanja, il-Greċċja, l-Ungaria, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgo, Malta, l-Olanda, il-Polonia, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit.

■ Il-pajjiżi taż-ŻEE: UE-27 + in-Norveġja, l-Islanda, il-Liechtenstein

■ L-Isvizzera

■ URES fir-reġjuni transkonforni

Qed tfitteż i-eqreb Konsulent tal-EURES?  
Żur <http://eures.europa.eu>

# Il-valur miżjud tal-EURES

## Servizz personali u professionali

It-800 Konsulent tal-EURES u aktar madwar 31 pajiż huma esperti fil-qasam tal-mobilità tax-xogħol fl-Ewropa. Dawn huma disponibbli biex ipoġġu bil-qiegħda miegħek u jipprovdulek parir personalizzat ibbażat fuq il-ħiliet, il-kwalifikasi u l-impieg mixtieq tiegħek, u jiżgurawlek appoġġ matul il-proċess ta'ċaqliq. Żur il-portal tal-EURES għad-dettalji ta'kuntatt tal-Konsulent tal-EURES lokali tiegħek.

## Jiem Ewropej tal-Impjieg

Mill-2005, il-Kummissjoni Ewropea u l-EURES ikkooperaw ma' għadd ta' atturi oħra interessati fit-tema tal-mobilità fix-xogħol sabiex jorganizzaw il-Jiem Ewropej tal-Impjieg. Matul l-ewwel stagħun tal-Jiem Ewropej tal-Impjieg f'Settembru 2006, 500 avvenimenti f'aktar minn 300 belt Ewropa ġibdu eluf ta' persuni li kienu qed ifittxu x-xogħol u persuni li jħaddmu. Is-suċċess ta' dawn l-ewwel avvenimenti wassal lill-Kummissjoni Ewropea biex tiddeċċiedi li torganizza dawn l-avvenimenti kull sena.

Jum Ewropew tal-Impjiegji jipprovdvi post fejn jiltaqgħu dawk li jħaddmu u dawk li qed ifittu x-xogħol, kif ukoll workshops, seminars u dibbattit fil-qasam tal-mobilità tal-impiegji fl-Ewropa. Il-parteċipanti jistgħu jiddiskutu l-pjanijiet tagħhom u jindirizzaw il-mistoqsijiet tagħhom lil-għadd ta' esperti inkluż, ovvjament, il-Konsulenti tal-EURES.

F'dawn l-avvenimenti, hemm garanzija ta' xi ħaġa utli għal kull Ewropew interessaż li jiċċaqlaq. Iċċekkja l-kalendarju tal-Avvenimenti fil-portal tal-EURES għal dettalji dwar avvenimenti li se jsiru viċin tiegħek.



Wara li temmew l-istudji tagħhom, il-gradwati Agne u Remigijus minn Klaipeda, il-Litwanja, iddeċidew li jiksbu xi esperienza ta' xogħol f'pajjiż fejn jistgħu jtebju l-ħiliet lingwistiċi tagħhom u jaqilgħu salarju tajjeb. Waqt li kienet qed tifteż fuq l-Internet, Agne iltaqqħet mal-EURES u iddeċidiet li tikkuntattja lill-Konsulent tal-EURES lokali Margarita Mankute. Ftit wara, Agne u Remigijus sabu ruħhom fil-bidu ta'avventura ġidha fin-Norveġja, jaħdmu għal kumpanija ta' tindif bil-kuntratt f'kumplexx tal-is-kiem f'Hemsedal, bejn wieħed u ieħor 230 kilometru 'l-bogħod minn Oslo. Kemm Agne kif ukoll Remigijus sabu l-ħajja fin-Norveġja pjaċevoli: 'Huwa pajiż sabiħ b'nies dħulin ħafna - ma kellniex problemi biex nadattaw irwiegħna! Il-Konsulent tal-EURES tagħna tatna l-għajnejna f'kull stadju tul it-triq, u c-ċaqliqa kienet sempliċi kemm jista' jkun!'

# Wiri ta' appoġġ



## Min iħaddem

"gem' tappoġġja 29 lingwa differenti madwar il-bażi globali ta' klijenti tagħna li tinkludi lill-Microsoft, Clearwire, Cisco, Electronic Arts u King. com. Il-Konsulenti tal-EURES jaġħtuna għajnejn kbira biex insibu impjegati b'ħiliet lingwistiċi speċifiċi."

***Marcella McKeever, Kap tar-Reklutaġġ, gem, Belfast,  
I-Irlanda ta' Fuq***

## Impjegat

'Student tal-mediċina mǵħandux ħafna ħin biex jikseb esperjenza barra mill-pajjiż iżda l-EURES tatni l-opportunità li nwettaq il-ħolma tiegħi. Grazzi għall-internship tiegħi fir-Renju Unit, jien mhux biss tejjib l-Ingliż tiegħi u tgħallim dwar is-sistema medika Inglīża, iżda Itqajit ukoll ma'nies meraviljużi li għenuni nħossni komda.'

***Laura Zanisi, studenta tal-mediċina, I-Italja***

Il-Kummissjoni Ewropea  
**Sib xogħol fl-Ewropa – gwida għal persuni li qeqħdin ifittxu xogħol**  
II-Lussemburgo: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
2010 - 13 pp. - 14,8 x 21 cm  
ISBN 978-92-79-15958-9  
doi:10.2767/56597

Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli f'format stampat fil-lingwi uffiċjal kollha tal-UE kif ukoll bl-Islandiż u bin-Norveġiż.

Jinteressawk **il-pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat Ĝeneralis  
għall-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq?

Jekk iva, tista' tniżżejhom mill-Internet jew tabbona għalihom  
bla ħlas minn

<http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistidnuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi n-newsletter  
elettronika *Social Europe* tal-Kummissjoni Ewropea  
bla ħlas fuq

<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>



[www.facebook.com/euresjobs](http://www.facebook.com/euresjobs)  
[www.facebook.com/socialeurope](http://www.facebook.com/socialeurope)

<http://eures.europa.eu>

<http://ec.europa.eu/social>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

